ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda ta' termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 28(3) u mal-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni 'Landwein', 'Qualitätswein', 'Kabinett/Kabinettwein', 'Spätlese/Spätlesewein', 'Auslese/Auslesewein', 'Strohwein', 'Schilfwein', 'Eiswein', 'Ausbruch/Ausbruchwein', 'Trockenbeerenauslese', 'Beerenauslese/Beerenauslesewein'

(2023/C 23/06)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 22(1) u 27(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34 [1]. L-istqarrijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

Applikazzjoni għal emenda li tikkonċerna t-terminu tradizzjonali

'Landwein', 'Qualitätswein', 'Kabinett/Kabinettwein', 'Spätlese/Spätlesewein', 'Auslese/Auslesewein', 'Strohwein', 'Schilfwein', 'Eiswein', 'Ausbruch/Ausbruchwein', 'Trockenbeerenauslese', 'Beerenauslese/Beerenauslesewein'

Data tal-wasla tal-applikazzjoni: 21 ta' Lulju 2022

Għadd ta' paġni (inkluż din il-paġna): 3

Lingwa tal-applikazzjoni għal modifika: Il-Ġermaniż

Numru tal-fajl: Ares(2022)5310562

Termini tradizzjonali li għalihom qed tintalab il-modifika: 'Landwein', 'Qualitätswein', 'Kabinett/Kabinettwein', 'Spätlese/Spätlesewein', 'Auslese/Auslesewein', 'Strohwein', 'Schilfwein', 'Eiswein', 'Ausbruch/Ausbruchwein' 'Trockenbeerenauslese', 'Beerenauslese/Beerenauslesewein'.

Applikant: Bundesministerium für Land- und Forstwirtschaft, Regionen und Wasserwirtschaft

L-indirizz sħiħ (in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż):

Stubenring 1
1010 Wien
Österreich

Nazzjonalità: Awstrijak/a

Telefon, feks, posta elettronika:

Tel. +43 171100602840

Email: abt-27@bml.gv.at

[1] ĠU L 9, 11.1.2019, p. 46.

Deskrizzjoni tal-modifika: Ir-rendiment massimu għal kull ettaru tneħħa mid-definizzjoni tat-termini tradizzjonali msemmija hawn fuq.

Spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-modifika: L-Awstrija tipproteġi t-termini tradizzjonali "Landwein", "Qualitätswein", "Kabinett/Kabinettwein", "Spätlese/Spätlesewein", "Auslese/Auslesewein", "Strohwein", "Schilfwein", "Eiswein", "Ausbruch/Ausbruchwein", "Trockenbeerenauslese" u "Beerenauslese/Beerenauslesewein" permezz tal-Liġi Awstrijaka dwar l-Inbid tas-17 ta' Novembru 2009 ([2]). Dawk it-termini bħalissa jispeċifikaw rendiment massimu ta' 9 000 kg/ettaru. Madankollu, it-termini tradizzjonali jistgħu jintużaw biss flimkien ma' denominazzjoni tal-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta, li l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom iridu diġà jiddefinixxu rendiment massimu. Huwa għalhekk xieraq li jitħassar ir-rendiment massimu msemmi fid-definizzjoni tat-termini tradizzjonali msemmija hawn fuq.

Isem il-firmatarju/a: Bundesministerium für Land- und Forstwirtschaft, Regionen und Wasserwirtschaft

([2]) Bundesgesetz über den Verkehr mit Wein und Obstwein (Weingesetz 2009).